**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IT-28 TA' NOVEMBRU 2019**

**Kawza Numru:**

**Rik. Gur. 198/2019 RGM**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**vs.**

**David Pagrotsky**

**(K.I. Nru.64002A)**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi** prezentat fis-26 ta' Frar, 2019 li permezz tieghu ippremetta u talab s-segwenti:

Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE *dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra* tas-16 ta' Marzu 2010 tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri fir-rigward ta' irkupru ta' taxxa u/jew dazju dovuta minn debituri ta' Stat Membru partikolari li jinsabu f'territorju ta' Stat Membru ieħor, u miżuri oħra;

Illi din id-Direttiva ġiet implimentata fil-Liġi ta' Malta permezz tal-Ordni ravviżat fl-Avviż Legali Nru. 153 tas-sena 2012 liema Avviż Legali daħal fis-seħħ fl-ewwel (1) ta' Jannar 2012 u li jippermetti lil Kummissarju tat-Taxxi lil Ministru responsabbli għall-Finanzi, bħala l-awtorità kompetenti, sabiex jiġbor taxxa dovuta fi Stati Membri oħra fejn id-debitur jinsab ġewwa Malta;

Illi ai termini tad-Direttiva imsemmija, l-awtorità kompetenti Svediża, ossija l-awtorita` applikanti, għamlet talba għall-assistenza lill-esponent, f'isem il-Ministru responsabbli għall-Finanzi, sabiex l-esponent jirkupra taxxa li hi dovuta lill-istess awtorita` applikanti;

Illi l-intimat għandu taxxa dovuta lill-awtorita` applikanti Svediż fl-ammont ta' mija u wieħed u għoxrin elf, mitejn u sittin Euro 66 ċenteżmi (€121,260.66), kif jidher mill-Istrument Uniformi li jippermetti Infurzar hawn anness u immarkat bħala Dok. 'A', oltre interessi skont l-Atti dwar it-Taxxa (Kap. 123 u 372 tal-Liġijiet ta' Malta), liema interessi jiddekorru mid-data tan-notifika ta' dan ir-rikors;

Illi l-intimat huwa indikat li jinsab ġewwa Malta u għalhekk l-esponent qed jipproċedi sabiex jirkupra l-ammont hawn fuq imsemmi stante li l-imsemmi dejn qed jitqies daqslikieku kien dejn dovut lill-Gvern ta' Malta u dan ai termini tal-Artikolu 9 tal-imsemmi Avviż Legali;

Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta' din it-talba ta' irkupru ġew imħarsa r-rekwiżiti relevanti kollha tal-imsemmija Direttiva;

Illi, kif ukoll, l-intimat għandu dritt għal traduzzjoni tal-istess Dok. 'A' f'waħda mill-lingwi uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' Malta. Fir-rigward ta' dan qiegħed jiġi allegat dokument ma' dan ir-rikors, u immarkat bħala Dok. 'B' sabiex l-intimat ikun speċifikament infurmat illi tali rikjesta għandha ssir fi żmien sebat (7) ijiem mid-data ta' notifika ta' Dok. 'A' u Dok. 'B'.

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ai termini tas-sub-artikoli 9(6) u (7) tal-imsemmi Avviż Legali, fl-ewwel lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'A' u Dok. 'B' jiġu notifikati lill-intimat skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fit-tieni lok sabiex tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok.'A', bħala kopja uffiċċjali tagħha, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat illi l-intimat għad li kien debitament notifikat bl-atti ta' din il-proċedura, huwa ma ppreżenta l-ebda risposta u lanqas kien preżenti għas-smigħ.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Ottubru 2019 fejn ir-rikors tħalla għal-lum għall-provvediment.

Ikkonsidrat illi t-talba hija ġustifikata.

**Provvediment**.

Tipprovdi kif ġej:

1. Tiddikjara illi tinsab sodisfatta li ġew segwiti r-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE u tal-Avviż Legali 153 tal-2012;

2. Tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument anness mar-rikors promotur u mmarkat bħala Dok. 'A' bħala kopja uffiċjali tiegħu, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra l-intimat David Pagrotsky.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**